DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1525

tal-4 ta' Settembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2014/256/UE, sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għall-prodotti tal-karta ttrasformata

(notifikata bid-dokument C(2017) 5948)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(c) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/256/UE ([2]) tiskadi nhar it-2 ta' Mejju 2017.

(2) Saret valutazzjoni li kkonfermat ir-rilevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, li huma stabbiliti mid-Deċiżjoni 2014/256/UE. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2014/256/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/256/UE jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'prodotti tal-karta ttrasformata', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2020."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/256/UE tat-2 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tal-karta ttrasformata (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 24).